14 ta' Mejju, 1945.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Giovanni Scicluna *versus* Filippo Abela

**Bejgħ — Kawża Illeċita — Interess Publiku — Ripetizzjoni tal-Prezz — Art. 697 u 691 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Meta l-operazzjoni hija illeċita għaż-żewġ naħiet, wieħed ma jistax jirrepeti minn għand l-ieħor dak li jkun tah in konnessjoni ma' dik l-operazzjoni.*

*In applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, il-Qorti ta' l-Appell, previa r-revoka tas-sentenza kuntrarja ta' l-Ewwel Qorti, ċaħdet it-talba ta' l-attur għar-ripetizzjoni tal-prezz ta' merkanzija li huwa kien xtara minn għand il-konvenut bi vjolazzjoni ta' ordni li kien maħruġ mill-"Food and Commerce Control Officer", billi dan l-ordni kien maħruġ fl-interess publiku.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fejn ippremetta illi l-attur, f'Awissu ta' l-1941, kien xtara minn għand il-konvenut partita konsiderevoli ta' whisky "White Horse" li l-attur a sua volta rrivenda lil ħadd ieħor, fosthom lid-ditta "Felice Busuttil"; u billi l-attur, b'sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta'

Mejju 1943 mogħtija fil-kawża "Paolo Busuttil pr. et ne. vs. Giovanni Scicluna", ġie kundannat jirrifondi lill-istess ditta "Felice Busuttil" is-somma ta' £73. 10. 0 għall-prezz ta' 105 fliexken whisky li kienu ġew elevati mix-xerrejja u miżmuma mill-Pulizija għax provenjenti minn serq, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali u ma' l-ispejjeż tal-kawża, b'riżerva ta' drittijiet oħra favur id-ditta "Felice Busuttil" u salv regress ta' l-attur kontra l-konvenut li kien biegħlu l-istess whisky: talab illi, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u jekk hemm bżonn dik illi l-istess konvenut huwa responsabili di fronti għall-attur għall-elevazzjoni li tat lok għal dawn ir-regressi, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £73. 10. 0 bl-imgħaxijiet legali mit-28 ta' Jannar 1943, flimkien ma' £11. 15. 7 għall-ispejjeż tal-kawża fuq imsemmija skond it-taxxa (dok. A) annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni; b'riżerva ta' drittijiet oħra; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' April 1944;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re tat-12 ta' Jannar 1945, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi fil-kawża "Busuttil vs. Scicluna" dik il-Qorti kienet irriteniet illi l-attur tal-lum kien "in buona fede" meta xtara l-whisky in kwistjoni; illi fuq l-illiċejtà tal-kawża dik il-Qorti ddeċediet dan il-pont in re "Pisani vs. Degiorgio" fis-17 ta' Novembru 1944, fejn irriteniet illi l-Ord. VII ta' l-1868 ma hijiex applikabili għal każijiet bħal dan; illi l-kawża ċitata mill-konvenut kienet differenti għaliex il-merkanzija kienet ġejja minn serq;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tiġi respinta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami ta' l-appellant qiegħed fil-fatt illi peress li l-operazzjoni kienet illeċita, sew għall-attur kemm għall-konvenut, ir-ripetizzjoni m'hijiex permessa. Il-liġi, fl-art. 697

ta' l-Ord. VII ta' l-1868, tgħid illi l-kawża hija illeċita meta din tkun projbita mill-liġi u meta hija kuntrarja għall-ordni publiku; u l-art. 691 li jsemmi l-oġġett, jgħid ukoll li oġġett ta' l-obligazzjoni ma jistgħux ikunu ħwejjeġ impossibili, jew projbiti mill-liġi, jew li huma kuntrarji għall-kostumi tajba jew għall-ordni publiku. Huwa risaput ukoll illi fl-obligazzjonijiet, kif inhu l-kuntratt tal-bejgħ, dak li huwa oġġett għall-wieħed huwa kawża għall-ieħor. Għalhekk kwalunkwe ħaġa li tkun projbita mill-liġi bħala oġġett, jew li tkun projbita mill-liġi bħala kawża ta' dak il-kuntratt, per mezz ta' bejgħ u xiri, ma tkunx tista' taqa' f'kuntrattazzjoni; u jekk tifforma l-oġġett u l-kawża tal-kuntratt, dak il-kuntratt ikun invalidu, għax ikun nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti tiegħu u ma jkunx jista' jkollu effett. Imbagħad l-art. 697 ta' l-istess Liġi jgħid ukoll illi jekk il-kawża tkun illeċita għaż-żewġ partijiet, ħadd minnhom ma jkun jista' jirrepeti dak li ta lil ħadd ieħor, u dan il-forza tal-prinċipju ġuridiku li kien aċċettat fid-Dritt Ruman illi "nemo in foro auditur turpitudinem suam allegans"; u ċertament tkun turpitudini meta wieħed ikun għamel ħaġa projbita mill-liġi fl-interess publiku, anzi li l-liġi telieva l-eżekuzzioni ta' dik il-ħaġa għal reat b'sanzjoni punitiva;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ in kwistjoni, skond l-Order tal-F.C.C.O. emanat in forza ta' Regulation 50 tal-Malta Defence Regulations, section 3 (b), "no wholesaler may purchase or sell any commodity from or to another wholesaler, nor a retailer from or to another retailer, except with the written permission of the F.C.C.O. and under such conditions as he may establish. No wholesaler or retailer may purchase goods from any unknown wholesaler or retailer as the case may be", Imbagħad is-section 85 tal-Malta Defence Regulations tgħid illi........... "if any person contravenes or fails to comply with any of these Regulations, or any order or rule made under these Regulations, or any direction or requirement made under any of these Regulations, he shall be guilty of a war offence and the provisions of these Regulations shall apply." Imbagħad il-

piena li hija komminata, jekk il-kawża tiġi trattata quddiem il-*Qorti tal-Maġistrati* bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, hija dik ta' prigonija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal multa ta' mhux iżjed minn £100;

Issa dawn id-dispożizzjonijiet juru biċ-ċar li dik id-dispożizzjoni hija magħmula għall-interess publiku, u għalhekk għandha taqa' f'dik id-dispożizzjoni ta' l-art. 696 u 697 fuq ċitati. Infatti l-Laurent, *Principi di Diritto Civile*, Vol. 15, nru. 132, li jikkommenta dispożizzjoni simili tal-Liġi Franċiża, jgħid li kien hemm liġi li kienet *tipprojbixxi* l-bejgħ ta' merċi Ingliżi, peress li allura Franza kienet fil-gwerra ma' l-Ingilterra, u jgħid l-awtur :— "Questa era una vera misura di guerra; qui non era il fisco, ma era il nemico della rivoluzione, che era in causa. Un francese acquistò all'estero delle merci proibite; è stato deciso che il contratto era nullo, perchè fondato sopra una causa illecita........... il contratto violatore della legge violava ancora l'ordine pubbico; e fu perciò annullato (sent. tal-Qorti ta' Liege 11 ta' Ġunju 1812; u Dalloz v. Obbligazioni, n. 585, 1). Jgħid dak l-awtur li anki l-projbizzjoni ta' sempliċi liġi tad-dwana fuq il-kontrabandu taqa' taħt dawk id-dispożizzjonijiet, u għalhekk "ogni contratto che la ferisce sia colpito di nullità radicale........... in appello la corte decise che i tribunali non debbono conoscere dell'esecuzione e dell'inadempimento di simili contratti, i quali hanno a solo oggetto la frode e la violazione della legge, concertata fra le parti contraenti" (*Qorti ta' l-Appell ta' Parigi* 7. 3. 1846; Dalloz 1846, 4, 376). Ara wkoll ta' l-istess opinjoni l-Giorgi, Vol. V, no. 135, paġ. 210, u l-awturi ċitati minnu;

Tikkunsidra;

Illi veru huwa illi fid-dottrina hemm dissens jekk l-*obligazzjoni* illeċita, peress li ma jistax ikollha ebda effett, tistax iġġib azzjoni ta' ripetizzjoni; imma l-ġurisprudenza u d-dottrina preponderanti huma tal-fehma illi, kif jgħid il-Giorgi fil-post fuq imsemmi, ir-ripetizzjoni ma għandhiex tiġi ammessa, għaliex it-Tribunali ma jistgħux bl-ebda mod jajjutaw lil dak li għamel ħaġa illeċita, sija pure biex jirrepeti dak li

ħallas; iżda l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi tagħna, 697, jaqta' l-kwistjoni, għaliex jistabbilixxi illi jekk l-illeċejità qiegħda għaż-żewġ partijiet, dak li ħallas ma jistax ikollu l-azzjoni tar-ripetizzjoni, salvi ċerti każiiiet determinati mill-liġi;

Tikkunsidra;

Illi veru huwa wkoll illi f'dan il-każ il-konfiska saret peress illi l-whisky nstab li kien misruq, u b'dan l-attur ma kienx jaf, u għalhekk, peress illi l-konvenut kien spaċċja l-merkanzija, it-turpitudini tiegħu hija wisq akbar minn dik ta' l-attur; għax mentri dan kiser il-liġi fuq imsemmija li tipprojbixxi l-bejgħ ta' "commodity", u għalhekk anki ta' whisky, kif ukoll ix-xiri ta' dawn il-ħwejjeġ, iżda l-konvenut kiser din il-liġi, kif ukoll il-liġi kriminali. Iżda l-Qorti ma tistax tiżen il-grad tat-turpitudini, imma għandha tara jekk l-operazzjoni li mħabba fiha l-attur qiegħed jitlob ir-ripetizzjoni kienetx jew le projbita mill-liġi; u jekk hija hekk projbita, kif difatti din l-operazzjoni kienet, l-azzjoni tar-ripetizzjoni ma tistax tkun ammessa. Din l-anomalija ġejja kollha mill-fatt illi l-attur qatt ma jmissu ndaħal biex jaċċetta xiri ta' partita konsiderevoli ta' whisky bħal dik li xtara, meta kien jaf li l-liġi qiegħda tipprojbixxi dan; u għalhekk "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire"; u kieku nies bħall-attur kienu jirrifjutaw jixtru dawn il-partiti ta' merkanzija, meta kienet ħaġa notorja illi s-suq kien skars ħafna minnhom, kienu jrażżnu lil dawk in-nies li jagħmlu operazzjonijiet delittwużi, għax ma kienux isibu l-ispaċċ tal-merkanzija li tkun ġiet f'idejhom per mezz ta' delitt;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut u l-eċċezzjoni ta' l-illiċejità tal-kawża, u għalhekk tirrespinġi t-talba ta' l-attur; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jkunux taxxati bejn il-partijiet. U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.